**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 22 ta' Gunju, 2021**

**Rikors Kostituzzjonali Nru: 23/2014/1 AF**

**Louise Xerri**

**Noel Baldacchino**

**Anna sive Jo'Anna Hartz**

**u**

**Caroline Farrugia**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**
**u bil-verbal tas-16 ta' Ottubru, 2017, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li l-Aworità tal-Artijiet tassumi l-atti tal-kawza u b'digriet tal-10 ta' Lulju, 2019, il-Qorti ordnat li jissejjah fil-kawza l-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Louise Xerri, Noel Baldacchino, Anna sive Jo'Anna Hartz u Caroline Farrugia tat-30 ta' Jannar 2017, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

B'sentenza tad-19 ta' Novembru, 2015, din l-Onorabbli Qorti gabet fit-tmiem taghha l-kawza kostituzzjonali istitwita mill-esponenti billi rrifjutat li tezercita s-setghat taghha. Din bir-rispett kollu ma kienitx konkluzjoni korretta u ghalhekk sar appell minnha, liema appell gie milqugh *in parte*.

Bis-sentenza taghha tas-27 ta' Mejju, 2016, l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali rrevokatha *in parte* u l-atti ntbaghtu lura fl-ewwel istanza. Imkien ma qalet li ghandu jibqa' jippresjedi l-istess gudikant.

L-esponenti ssollevaw l-eccezzjoni tar-rikuza stante li din il-Qorti kienet digà ppronunzjat ruhha u rrifjutat li tezercita s-setghat taghha.

Din l-Onorabbli Qorti rrespingiet l-eccezzjoni tar-rikuza.

B'rikors iehor l-esponenti talbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka '*contrario imperio*' l-provvediment taghha tat-12 ta' Ottubru, 2016, u tilqa' l-eccezzjoni tar-rikuza li saritilha.

Permezz tal-provvediment tat-30 ta' Novembru, 2016, din l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba ghar-revoka '*contrario imperio*'.

Hawnhekk l-esponenti sejrin jaghmlu riferenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex juru li f'materja ta' rikuza, l-ebda gudikant ma jista' jiddeciedi fuqu nnifsu kemm-il darba jkun qed jigi kkontestat.

1) Illi l-astensjoni/rikuza ta' l-Imhallef sedenti mhix ser tipparalizza l-funzjonament tal-Qrati izda l-kawza semplicement tigi assenjata lil Imhallef iehor (ara **Debled v. Belgium**, 22/09/1994).

2) Illi r-raguni ghall-astensjoni/rikuza mhix wahda li tkun tapplika ghal kull gudikant iehor. Ghall-kuntrarju, ir-raguni tghodd biss fir-rigward tal-gudikant odjern (ara **Debled v. Belgium**, 22/09/1994).

3) Illi skont il-gurisprudenza stabilita tal-Qorti Ewropeja, l-ezistenza ta' imparzjalità ghall-finijiet ta' l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni, ghandha tigi deciza *"according to a subjective test, where regard must be had to the personal conviction and behaviour of a particular judge and an objective test that is to say by ascertaining whether the tribunal itself and, among other aspects, its composition, offered sufficient gurantees to exclude any legitimate doubt in respect of its impartiality"* (ara **Fey v. Austria**, 1993).

4) *"As regards the subjective test, the Court reiterates that the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary" (*ara **Debled v. Belgium**, 22/09/1994).

5) *"As regards the objective test, even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done"* (ara **R. V. Sussex Justices, Ex parte McCarthy** (1924) 1 KB 256). Dan il-principju ta' origini Brittanika gie applikat bosta drabi fil-gurisprudenza ta' Strasbourg wara li gie invokat fil-kaz **Micallef v. Malta** quddiem il-Grand Chamber.

6) *"What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public"* (ara **De Cubber v. Belgium**, 26/10/1984).

7) *"The existance of national procedures for ensuring impartiality, namely rules regulating the withdrawal of judges, is a relevant factor. Such rules manifest the national legislature's concern to remove all reasonable doubts as to the impartiality of the judge or court concerned* (ara **Micallef v. Malta** (Grand Chamber), 15/10/2009).

8) Dak li jmur kontra l-Konvenzjoni huwa proprju l-ezistenza ta' cirkostanzi li *"objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal"* ara **A.K. v. Liechtenstein**, 9/07/2015).

9) *"It noted in that context that the exclusion of all challenged judges from the decisions concerning those challenges would have paralysed the whole judicial system at issue."* ara **Debled v. Belgium**, 22/09/1994).

10) *"Having regard to the foregoing considerations, the Court considers that the procedure chosen by the Constitutional Court to dismiss the applicant's motions raised as issue in respect of the judges' impartiality particularly in so far as they all decided upon motions brought against them on identical grounds and thus appear, in substance, to have rejected the motions concerning themselves."* (ara **A.K. v. Liechtenstein**, 9/07/2015).

11) "The Court must further have regard to appearances in order that the courts in a democratic society inspire in the public the confidence which is indispensable...In the present case, the judges of the Constitutional Court in fact gave the impression that they were themselves deciding on the motion for bias directed against them." (ara **A.K. v. Liechtenstein**, 9/07/2015).

Ma' dawn il-principju stabiliiti u konsiderazzjonijiet kollha, wiehed ghandu jzid il-fatt illi m'hemmx dritt ta' appell fuq kwistjoni ta' rikuza ta' gudikant. L-esponenti jergghu jtennu li l-bdil ta' l-Imhallef li ta s-sentenza negattiva ghall-lanjanzi taghhom billi rrifjuta li jismaghhom mhux ser jipparalizza jew jintralca indebitament l-amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-Qorti Ewropeja, wara li tqis dawn il-konsiderazzjonijiet, tiddeciedi li tkun sehhet vjolazzjoni. Hekk gara fil-kaz fuq imsemmi ara **A.K. v. Liechtenstein**, 9/07/2015, fejn il-Qorti Ewropeja ddecidiet:

*"In the light of the foregoing, the Court concludes that the applicant's doubts in respect of the impartiality of the five judges of the Constitutional Court were objectively justified in view of the procedure they chose to reject the applicant's motions for bias against them.*

*There has accordingly been a violation of Article 6 1 of the Convention."*

1. Ghalhekk, fil-kaz prezenti, l-esponenti, fuq l-iskorta ta' dawn id-decizjonijiet, huma gustifikati li jkollhom dubji dwar l-imparzjalita' (skont it-test oggettiv) tal-Imhallef sedenti peress li huwa fis-sustanza kien qed jiddeciedi eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' imparzjalita' tieghu stess peress li gia' irrifjuta li jisma' l-lanjanzi tal-esponent, u konsegwentement l-esponenti qeghdin iqanqlu kwistjoni kostituzzjonali ai termini ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Kap. 319.

2. Barra minn hekk, l-esponenti jqisu li l-artikolu 738 tal-Kap. 12 ma jissodisfax ir-rekwiziti ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni in kwantu jistipula illi fil-kaz li gudikant ma jastjenix minn jeddu, l-eccezzjoni ta' rikuza sollevata kontra tieghu tigi deciza minnu stess u mhux minn gudikant indipendenti u imparzjali. Inoltre, l-artikolu 738 jivvjola d-dritt ghal rimedju effettiv peress li l-parti f'kawza hekk milquta m'ghandha l-ebda rimedju u lanqas tista' tinterponi appell.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

Tizgura li dina l-kwistjoni kostituzzjonali tigi deciza skont il-ligi u skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Artiijet, illum l-Awtorità tal-Artijiet, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

L-esponenti jibda biex jirrileva li l-allegazzjonijiet u l-insinwazzjonijiet kollha li ghamlu r-rikorrenti fir-rikors taghhom huma infondati u jrendu l-kwistjoni li qed iqanqlu frivola u vessatorja.

L-esponent jirrileva li s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fejn intlaqa **in parte** l-appell tar-rikorrenti inghatat fis-**27 ta' Mejju, 2016** u l-konsegwenza ta' dik is-sentenza kienet li l-atti jintbghatu lura quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex titkompla

is-smigh tal-kawza. Issa resqin kwazi sena minn dik id-data fejn matul dan iz-zmien kollu l-mixi ‘l quddiem tal-kawza waqaf totalment minhabba l-insistenza ingustifikata tar-rikorrenti li akkost ta’ kollox iridu li l-gudikant odjern ghandu jirrikuza ruhu. B’kull dovut rispett l-agir tar-rikorrenti huwa inaccettabbli. Ir-rikorrenti dahhluha f’rashom li ma jridux li din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta tisma l-kawza taghhom u qed jaghmlu minn kollox biex jilhqu l-ghan taghhom.

Aktar minn hekk, ir-rikorrenti fir-rikors promotur ma jindikaw mkien li b’xi mod l-Imhallef kien oggettivament jew soggettivament *“biased”*. Il-fatt wahdu li l-Qorti laqghet eccezzjoni preliminari li qajjem legittimament l-esponent bl-ebda mod ma jissarraf fi ksur tad-dritt ghas-smigh xieraq. Kien hemm appell minn dik id-decizjoni u l-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet li tilqghu in parte biex b’hekk il-kawza ghandha tkompli tinstema’.

Ir-rikorrent qed jilmentaw partikolarment mill-fatt li l-Imhallef sedenti ma rrikuzax ruhu meta gie mitlub jaghmel hekk. Il-ligi hija cara dwar meta imhallef ghandu jirrikuza ruhu u dan ai termini tal-artikolu 734 tal-Kap 12. Anke hawn l-esponent jghid li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda raguni valida sabiex l-Imhallef jirrikuza ruhu mill-kawza.

Mhux minnu kif qed jigi allegat mill-kontro-parti li din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta ppronunzjat ruhha definittivament fuq il-mertu ta’ din il-kawza bil-konsegwenza li issa hemm dubju dwar l-imparzjalità tal-Imhallef sedenti. Fil-fatt fis-sentenza tad-19 ta’ Novembru din l-Onorabbli Qorti iddecidiet biss fuq l-eccezzjoni preliminari ta’ nuqqas ta’ ezawriment ta’ rimedju ordinarju.

L-artikolu 734 tal-Kap. 12 jaghmilha cara liema huma dawk ic-cirkostanzi u sitwazzjonijiet meta l-eccezzjoni ta’ rikuza ta’ Imhallef tista tigi mqajjma. F’dan is-sens issir referenza ghall-*provizo* tal-artikolu 734 (1)(d)(ii) li jghid espressament li r-rikuza ma tapplikax jekk l-Imhallef ma jkunx taha decizjoni definittiva fuq il-mertu:

*Jekk il-kawza kienet ga giet quddiemu bhala imhallef jew bhala arbitru:*

***Izda dan ma jghoddx ghal decizjoni, moghtija mill-imhallef, meta ma tkunx qatghet definitivament il-mertu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas ghal sentenza li tehles ab observantia.***

L-esponent ghalhekk jirrileva li galadarba l-Imhallef sedenti ghadu ma ddecieda xejn fuq il-mertu tal-kawza odjerna, m'hemmx lok ta' rikuza.

Certament ir-rikorrenti ma jistghux iggieghlu bilfors Imhallef jirrikuza ruhu u joqghodu issabbtu saqqajhom jekk ma jigrix kif jghidu huma.

Sabiex jigi determinat jekk ir-rikorrenti soffrewx ksur tad-dritt ghal smigh xieraq, irid jigi ezaminat il-process kollu fit-totalità tieghu. L-esponenti jirrileva illi ma sar xejn matul il-process relattiv ghar-rikorrenti li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' process gust u wisq inqas saret xi influwenza fuq min ghandu jiggudika.

Ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti kif impost fuq l-artikolu 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja huwa frivolu u vessatorju u ghandu jigi michud.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-6 ta' April 2017 li permezz tiegħu astjeniet milli tisma' l-lanjanza tar-rikorrenti kif magħmula fir-rikors tagħhom tat-30 ta' Jannar 2017.

Rat illi l-kwistjoni kostituzzjonali sollevata mir-rikorrenti fir-rikors tagħhom tat-30 ta' Jannar 2017 fl-atti tar-rikors kostituzzjonali 23/2014 fl-ismijiet Louise Xerri et vs Kummissarju tal-Artijiet ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat illi permezz ta' digriet tal-10 ta' Lulju 2019 ġie msejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat:

L-esponenti jibda biex jissottometti li l-artikolu 733 tal-Kap. 12 jipprovdi li gudikant jista' jigi rikuzat jew jista' jastjeni biss fil-kazijiet imsemmija fil-ligi (ara ***Licari Estates Ltd. Vs Kishinchand Mohnani*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Frar, 2001) jew ghall-massimu fejn ikun hemm ragunijiet gravi kif imfissra fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja*** deciza mill-Qorti Kriminali fit-2 ta' Ottubru, 2000, u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr. Patrick Vella LL.D.*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Ottubru, 2006.

Fil-fehma tal-esponenti, l-analizi li trid issir hija li jigi deciz jekk dak li minnu qed jilmenta r-rikorrenti jinkwadrax ruhu f'xi wiehed mill-paragrafi tas-subartikolu (1) tal-artikolu 734 tal-Kap. 12. Illi wara li wiehed ihares lejn tali artikolu jirrizulta bic-car li l-ebda wahda mic-cirkostanzi imsemmija f'dan l-artikolu ma hija applikabbli fil-kaz odjern u dan stante li t-talba tar-rikorrenti ma' tinkwadra taht l-ebda wahda mill-eccezzjonijiet mahsuba fl-Artikolu 734 tal-Kap. 12. L-Artikolu 734 (1) tal-Kap. 12 jibda billi jipprovdi li *"L-Imhallfin ma jistghux jigu rikuzati u lanqas jistghu jastjeni ruhhom milli joqghodu f'kawza migjuba quddiemhom fil-qorti li fiha huma mahtura biex joqghodu, hlief ghal xi wahda mir-ragunijiet hawn wara imsemmijin".* Illi dawn l-eccezzjonijiet mahsuba fl-Artikolu 734 tal-Kap. 12 jridu jigu nterpretati b'mod ristrettiv u mhux jigu estizi ghall-cirkostanzi li mhumiex imsemmija fl-Artikolu 734 tal-Kap. 12.

Ghal dak li jirrigwarda l-principji li jsawru l-indipendenza u l-imparzjalità ta' gudikant, l-esponenti jaghmlu referenza ghal awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick** *"An impartial tribunal – "Impartiality" means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and an objective test: The existence of impartiality for the purpose of Article 6 (1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an*

*objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect".*

Ir-rikorrenti ma jindikaw mkien li b'xi mod l-Imhallef Chetcuti kien oggettivament jew soggettivament "*biased*". Il-fatt wahda li l-Qorti laqghet eccezzjoni preliminari li qajjmet legittimament l-Awtorità bl-ebda mod ma jissarraf fi ksur tad-dritt ghas-smigh xieraq.

Kien hemm appell minn dik id-decizjoni u l-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet li tilqghu *in parte* biex b'hekk il-kawza ghandha tkompli tinstema'.

Ir-rikorrenti qed jilmentaw partikolarment mill-fatt li l-Imhallef sedenti ma rrikuzax ruhu meta gie mitlub jaghmel hekk. Il-ligi hija cara dwar meta Imhallef ghandu jirrikuza ruhu u dan ai termini tal-artikolu 734 tal-Kap 12. Anke hawn l-esponent jghid li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda raguni valida sabiex l-Imhallef jirrikuza ruhu mill-kawza.

Mhux minnu kif qed jigi allegat mill-kontro-parti li din il-Qorti presjeduta mill-Imhallef Chetcuti ppronunzjat ruhha definittivment fuq il-mertu ta' din il-kawza bil-konsegwenza li issa hemm dubju dwar l-imparzjalità tal-Imhallef sedenti. Fil-fatt fis-sentenza tad-19 ta' Novembru din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta iddecidiet biss fuq l-eccezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' ezawriment ta' rimedju ordinarju u daqshekk.

Din il-kawza hija wahda fejn ir-rikorrenti kappriccjozament iridu li l-Imhallef Chetcuti ma jkomplix jisma' u jiddeciedi l-kawza minghajr ma gabu l-ebda argument jew prova konvincenti sabiex dan isehh. Din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeplora l-agir tar-rikorrenti.

Ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti kif impost fuq l-artikolu 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghandu jigi michud.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, r-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti ssib illi ser jiġi leż id-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq u rimedju effettiv kif sanċiti permezz tal-artikolu 6(1) u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-proċeduri kostituzzjonali fl-istess ismijiet pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (il-proċeduri prinċipali). Dan wara li l-Imħallef li qiegħed jippresjedi dawk il-proċeduri kostituzzjonali ċaħad it-talba għar-rikuża sollevata mill-istess rikorrenti. Huma jgħidu wkoll illi l-artikolu 738 tal-Kap. 12 ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Mill-atti jirriżulta li permezz ta' rikors kostituzzjonali tal-25 ta' Marzu 2014, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti diversament presjeduta ssib ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti permezz tal-artikoli 13, 14 u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba l-operat tal-Kummissarju tal-Artijiet.

Permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Novembru 2015, din il-Qorti diversament laqgħet l-eċċezzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet u rrifjutat li teżerċita s-setgħat tagħha ai termini tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.

Ir-rikorrenti appellaw u permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Mejju 2016, il-Qorti Kostituzzjonali laqgħet biss it-tieni aggravju tar-rikorrenti appellanti limitatament dwar l-ilment tagħhom li l-Gvern għadu ma ħa l-ebda proċeduri ġudizzjarji sabiex huma jirċievu kumpens skont il-liġi u għaldaqstant, irrevokat is-sentenza appellata u ordnat li l-atti tal-każ jiġu rimandati lill-ewwel Qorti għall-prosegwiment tas-smigħ tal-kawża.

L-ewwel Qorti rriappuntat ir-rikors għat-30 ta' Ġunju 2016. B'nota tad-9 ta' Ġunju 2016, ir-rikorrenti ssollevaw l-eċċezzjoni tar-rikuża a tenur tal-artikolu 734(1)(i) u (ii) tal-Kap. 12 peress illi skont huma, l-Imħallef sedenti kien diġà ppronunzja ruħu fuq

il-kawża permezz tas-sentenza tiegħu tad-19 ta' Novembru 2015.

Permezz ta' provvediment tat-12 ta' Ottubru 2016, din il-Qorti diversament presjeduta qieset li,

> *"dak li l-Qorti Kostituzzjonali stabbilit hu illi l-ewwel Qorti naqset li tqis il-kwistjoni illi l-Kummissarju tal-Artijiet, nonostante l-esproprju li sar f'Ottubru 2011 għadu ma ħax il-passi skond il-liġi għal bidu tal-proċeduri biex jitħallas il-kumpens."*

Il-Qorti kompliet billi qieset li,

> *"F'dan il-każ il-Qorti ma qatgħetx il-lanjanza li l-Qorti Kostituzzjonali rriferiet lura lil din il-Qorti u infatti lanqas hemm referenza għal tali lanjanza fis-sentenza ta' Prim Istanza u għalhekk ma hemmx lok ta' rikuża kif mitluba."*

Il-Qorti għalhekk ċaħdet it-talba għall-rikuża magħmula mir-rikorrenti.

Permezz ta' rikors tal-20 ta' Settembru 2020, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tirrevoka *contrario imperio* l-provvediment tagħha tat-12 ta' Ottubru 2016 għar-raġunijiet spjegati f'dak ir-rikors.

Permezz ta' provvediment ieħor tat-30 ta' Novembru 2016, il-Qorti ddikjarat illi hija '*ma tat ebda pronunzjament jew aċċennat għal dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Mejju 2016. Tant hu hekk li f'dik id-deċiżjoni, il-Qorti Kostituzzjonali bagħtet l-atti lura lil-Qorti biex tikkonsidra u tiddeċiedi punt partikolari ċioè l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent għar-rifjut tal-Kummissarju li jagħti bidu għal proċeduri sabiex jitħallas il-kumpens lir-rikorrenti (ara para. 26 tas-sentenza), liema punt din il-Qorti qatt ma kkunsidrat u l-Qorti Kostituzzjonali bagħtet lura l-atti għal dan l-iskop. Din il-Qorti tkun qed tabdika mid-doveri tagħha jekk ma ssegwix id-direzzjoni ċara tal-Qorti Kostituzzjonali u minflok tirrikuża ruħha bla ma hemm ebda fondament fil-liġi għaliex għandha tagħmel dan.* Għaldaqstant, il-Qorti ċaħdet it-talba għar-revoka tad-digriet tagħha tat-12 ta' Ottubru 2016.

Ir-rikorrenti ressqu <u>din</u> il-lanjanza kostituzzjonali għaliex jgħidu li għandhom dubji serji dwar l-imparzjalità skont it-test oġġettiv ta' din il-Qorti diversament presjeduta peress illi l-Imħallef sedenti diġà rrifjuta li jisma' l-lanjanzi tagħhom. Huma qed jattakkaw ukoll id-disposizzjonijiet tal-artikolu 738(1) tal-Kap. 12.

L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jaqra hekk:

> *"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

L-artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni jaqra hekk:

> *"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali."*

L-artikolu 738(1) tal-Kap. 12 jaqra hekk:

> *"Meta l-qorti hija kkostitwita minn imħallef wieħed u kontra dan l-imħallef tiġi mogħtija l-eċċezzjoni ta' rikuża, għandu jiddeċidi huwa nnifsu fuq ir-raġunijiet tal-eċċezzjoni, u kontra din id-deċiżjoni ma jingħatax appell, u, jew jastjeni ruħu u jiddigrieta li hemm lok għas-surroga ta' mħallef ieħor, inkella jissokta jisma' l-kawża, skont kif ikun iddeċida."*

Finalment, hija rilevanti s-segwenti disposizzjoni tal-artikolu 734(1)(d) tal-Kap. 12:

*"L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża –*

*(ii) Jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru:*

*Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles ab observantia."*

Fis-sottomissjonijiet tagħha, l-Awtorità tal-Artijiet qajmet l-argument li hija mhijiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi stante li l-ilment tar-rikorrenti mhuwiex indirizzat lejha iżda semmai kellu jiġi indirizzat lejn l-Avukat tal-Istat.

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Glenn Bedingfield vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et, tal-31 ta' Lulju 2000, kienet qalet hekk dwar min għandu jipparteċipa bħala konvenut f'kawżi kostituzzjonali:

*"Fir-rigward ta' l-appell incidentali, din il-Qorti taghmel riferenza ghall-insenjament ta' din il-Qorti fil-kawza "Joseph Abela vs Onorevoli Prim Ministru et" deciza fis-7 ta' Dicembru 1990 (Vol LXXIV pg 261) li segwiet il-konsiderazzjonijiet fil-kawza "Ramesh Chetenram Sharma et vs Avukat Generali et" (Vol LXXIII pg 105), f'liema insenjament gie stabbilit illi f'kawza mertu dwar vjolazzjonijiet ta' drittijiet fondamentali kien hemm tlett tipi ta' konvenuti. "1. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament responsabbli ghall-komissjoni jew ommissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fondamentali protett mil-ligi; 2. Fit-tieni kategorika huma dawk illi ghall-ommissjonijiet jew komissjonijiet tal-persuni ta' l-ewwel kategorija jistghu jkunu responsabbi biex jaghtu jew ifornixxu r-rimedju li s-sentenza li takkolji l-lament tal-ksur tad-dritt fondamentali tissanzjona; 3. Fit-tielet kategorija imbaghad hemm dawk il-*

*partijiet kollha li jkunu in kawza meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proceduri gjudizzjarji."'*

Fil-kawża tal-lum huwa ċar illi l-Awtorità tal-Aritjiet taqa' fit-tielet kategorija u allura għandha tkun parti fil-proċeduri tal-lum. Id-deċiżjoni dwar ir-rikuża ngħatat fi proċeduri fejn l-Awtorità tal-Artijiet hija parti u allura dak li ser jiġi deċiż f'din is-sentenza jista' jolqot ukoll il-posizzjoni legali tagħha. L-Awtorità intimata ilmentat wkoll illi l-Avukat tal-Istat ma ġiex imħarrek f'din il-kawża. Madanakollu, dan l-ilment ġie sorvolat in kwantu li l-Avukat tal-Istat ġie msejjaħ fil-kawża b'ordni tal-Qorti fuq talba tar-rikorrenti.

In linea ta' prinċipju ta' dritt dwar il-mertu, dwar xi tfisser 'Qorti Imparzjali' għall-finijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, fil-ktieb tagħhom Law of the European Convention on Human Rights (Tieni Edizzjoni), l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick jispjegaw illi:

*"'Impartiality' means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and objective test:*

*The existence of impartiality for the purpose of article 6(1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect."*[1]

Fil-każ ta' Kyprianou v Cyprus, tal-15 ta' Diċembru 2005, il-Qorti Ewropea rriteniet illi:

*"... it is of fundamental importance in a democratic society that the courts inspire confidence in the public and above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused (see Padovani v. Italy, judgment of 26 February 1993, Series A no. 257-B, p. 20, § 27). To that end Article 6*

[1] Paġna 290

*requires a tribunal falling within its scope to be impartial. Impartiality normally denotes the absence of prejudice or bias and its existence or otherwise can be tested in various ways. The Court has thus distinguished between a subjective approach, that is endeavouring to ascertain the personal conviction or interest of a given judge in a particular case, and an objective approach, that is determining whether he or she offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect (see Piersack v. Belgium, judgment of 1 October 1982, Series A no. 53, pp. 14-15, § 30, and Grieves v. the United Kingdom [GC], no. 57067/00, § 69, 16 December 2003). As to the second test, when applied to a body sitting as a bench, it means determining whether, quite apart from the personal conduct of any of the members of that body, there are ascertainable facts which may raise doubts as to its impartiality. In this respect even appearances may be of some importance (see Castillo Algar v. Spain, judgment of 28 October 1998, Reports 1998-VIII, p. 3116, § 45, and Morel v. France, no. 34130/96, § 42, ECHR 2000-VI). When it is being decided whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular body lacks impartiality, the standpoint of those claiming that it is not impartial is important but not decisive. What is decisive is whether the fear can be held to be objectively justified (see Ferrantelli and Santangelo v. Italy, judgment of 7 August 1996, Reports 1996-III, pp. 951-52, § 58, and Wettstein v. Switzerland, no. 33958/96, § 44, ECHR 2000-XII).*

*...*

*An analysis of the Court's case-law discloses two possible situations in which the question of a lack of judicial impartiality arises. The first is functional in nature: where the judge's personal conduct is not at all impugned, but where, for instance, the exercise of different functions within the judicial process by the same person (see Piersack, cited above), or hierarchical or other links with another actor in the proceedings (see court martial cases, for example, Grieves, cited above, and Miller and Others v. the United Kingdom, nos. 45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26*

*October 2004), objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, which thus fails to meet the Convention standard under the objective test (see paragraph 118 above). The second is of a personal character and derives from the conduct of the judges in a given case. In terms of the objective test, such conduct may be sufficient to ground legitimate and objectively justified apprehensions as in Buscemi, cited above, but it may also be of such a nature as to raise an issue under the subjective test (see, for example, Lavents, cited above) and even disclose personal bias. In this context, therefore, whether a case falls to be dealt with under one test or the other, or both, will depend on the particular facts of the contested conduct."*

Rilevanti għal każ tal-lum huwa dak li ntqal fil-każ ta' Warsicka v Poland, tas-16 ta' Jannar 2007:

"*As regards the objective test, the Court is of the view that the requirements of a fair hearing as guaranteed by Article 6 § 1 of the Convention do not automatically prevent the same judge from successively performing different functions within the framework of the same civil case. In particular, it is not prima facie incompatible with the requirements of this provision if the same judge is involved, first, in a decision on the merits of a case and, subsequently, in proceedings in which the admissibility of an appeal against that decision is examined (Eur. Comm. HR, R.M.B. v. the United Kingdom, No. 37120/97, dec. 9 September 1998). The assessment of whether the participation of the same judge in different stages of a civil case complies with the requirement of impartiality laid down by Article 6 § 1 is to be made on a case-to-case basis, regard being had to the circumstances of the individual case and, importantly, to the characteristics of the relevant rules of civil procedure applied to the case. In particular, it is necessary to consider whether the link between substantive issues determined in a decision on the merits and the admissibility of an appeal against that decision is so close as to cast doubt on the impartiality of the judge."*

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta’ Albert Mizzi noe vs L-Avukat Ġenerali, deċiż fis-17 ta’ Ottubru 2007, kienet qalet li:

> “*Meta wiehed ikun qieghed jivverifika jekk gudikant mexiex b'imparzjalità jew le huwa importanti li wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-biza’ jew is-suspett li akkuzat jew litigant jista’ jesprimi fil-konfront ta’ dak il-gudikant partikolari. X'jahseb il-litigant jew l-akkuzat f'dan is-sens huwa importanti izda certament mhuwiex deciziv. Dak li huwa deciziv huwa jekk dak is-suspett jew dik il-biza’ tal-litigant jew ta' l-akkuzat kienux verament u realment gustifikati. Certament ukoll li, fl-ahhar mill-ahhar biex wiehed jistabbilixxi f'kaz konkret jew gudikant kienx imparzjali jekk le, wiehed ikun irid jezamina u jikkonsidra sew il-fatturi kollha li jistghu jixhtu dawl fuq dan l-aspett u kif dawn l-istess fatturi evolvew fil-process kollu kemm hu tal-kaz partikolari.*”

Fir-rigward tat-test soġġettiv, ir-rikorrenti mhumiex qegħdin jallegaw li kien hemm xi imparzjalità personali da parti tal-Imħallef sedenti u allura dan it-test huwa sodisfatt. Ir-rikorrenti qegħdin jistrieħu biss fuq it-test oġġettiv għaliex isostnu li l-apparenza ta’ nuqqas ta’ imparzjalità hija biżżejjed in kwantu li l-istess Imħallef diġà iddeċieda l-każ tagħhom meta laqa’ l-eċċezzjoni preliminari tan-non eżawriment tar-rimedju ordinarju.

Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li nonostante l-fatt li l-artikolu 739 tal-Kap. 12 jagħti l-impressjoni li l-lista li hemm fl-artikolu 734 hija eżawrenti, hemm istanzi fejn il-ġudikanti jistgħu jiġu rikużati ghal raġunijiet oltre dawk imsemmija fil-liġi. Fis-sentenza Sandro Chetcuti vs Avukat Generali et, mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta’ Lulju 2005, ġie dikjarat illi:

> “*Anke jekk skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 12 ma hemmx lok ghall-rikuza - anzi jista’ jkun hemm divjiet ta' astensjoni - izda tista’ tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta’ l-individwu bil-konsegwenza li dawn ta' l-ahhar ghandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-ohra tal-ligi ordinarja." (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali Sant vs Kummissarju tal-*

*Pulizija 2/4/90; Cachia vs Onor. Prim Ministru et 10/10/91; Bugeja et vs Onor. Prim Ministru noe et 17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et 1/11/96). Kwindi anke jekk jista' ma jkunx hemm lok ta' rikuza a bazi tal-artikolu 734 tal-Kap. 12 ma jfissirx b'daqshekk illi l-kwistjoni tinghalaq hawn ghax l-imparzjalità ta' gudikant hi wahda mis-salvagwardji tad-dritt ta' smigh xieraq u kwindi jekk il-ligi generali ma tipprovdix rimedju fejn misthoqq, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Kap. 319 jistghu jigu invokati biex jekk hu misthoqq jinghata r-rimedju opportun.*

*...*

*Indipendentement mill-fatt jekk ic-cirkostanzi kinux tali li kienu jintitolaw lill-parti li titlob ir-rikuza tal-gudikant skond il-ligijiet ta' procedura. Il-parametri ta' dawk il-ligijiet ghandhom jitqiesu li twessghu bil-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxu s-smiegh xieraq. Irid ghalhekk jigu interpretati fl-ispirtu taghhom u fil-dawl tal-principji enuncjati fil-gurisprudenza tal-Qorti u tal- Kummissjoni Ewropeja." (Dr. A. Mifsud vs On. Prim Ministru et fis-17 ta' Lulju 1996 (Kost)."*

Fis-sentenza David Aquilina vs. L-Onor. Prim Minsitru et, tal-31 ta' Mejju 2007, ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta li:

"*Minħabba li teżisti l-presunzjoni li ġudikant huwa imparzjali sakemm ma jintweriex mod ieħor, min jallega l-parzjalità ta' ġudikant irid jipprova tali parzjalità fil-fatt u mhux biss iqanqal dubju leġittimu b'inferenza jew sempliċi biżgħa;*

*Illi dwar dan ikollu jingħad li mhuwiex biżżejjed li dan il-kriterju ta' imparzjalità jissemma' bħala sempliċi suspett: jeħtieġ li jkun ippruvat kif imiss. Kulħadd jista' jidħollu suspett li l-ġudikant li jkun ta sentenza li leżitu tagħha ma jintgħoġobx minn xi parti, seta' ma kienx imparzjali. Imma dan mhuwiex biżżejjed biex iwassal għas-sejbien ta' ċirkostanza ta' imparzjalità jew ta' smigħ xieraq.*"

L-ebda parti f'kawża m'għandha tallega, mingħajr ġustifikazzjoni, li hemm leżjoni ta' smigħ xieraq b'tentattiv sabiex il-każ jinstema' minn ġudikant u mhux minn ieħor. Fuq din it-tema kellha dan xi tgħid il-Qorti tal-Appell fi provvediment mogħti fis-17 ta' Awwissu 2017 fl-appell Sharon Rose Roche vs Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Istandards fil-Ħarsien Soċjali et:

> "*Illi l-Qorti tagħraf u ma twarrabx b'ħeffa l-element tal-imparzjalità suġġettiva u dik oġġettiva tal-ġudikant li kull parti f'kawża jistħoqqilha b'jedd tippretendi li jkun jimmanifesta ruħu. Madankollu, dan il-jedd ma għandux jinbidel f'għodda li bih parti f'kawża toħloq biżgħa li ma jkunx fondat jew okkażjoni biex wieħed jidħol f'sajda għall-ġudikant li tibdel il-proċess ġudizzjarju f'konkors għall-għażla ta' ġudikant favorit fuq ieħor u li jwassal għal dak li bnadi oħrajn huwa magħruf bħala "forum shopping". Dan jaf jissarraf f'abbuż tal-proċess ġudizzjarju taħt il-kappa tal-biżgħa tan-nuqqas ta' smigħ xieraq.*"

Dwar l-istitut tar-rikuża, fis-sentenza riċenti Carmen Grixti vs Ivan Grixti, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Frar 2020 kif ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020, gie dikjarat:

> "*Din il-Qorti taqbel u tagħraf li r-raġunijiet li għalihom ġudikant jista' jiġi rikużat milli jkompli jisma' kawża mhumiex biss dawk li l-liġi nnifisha ssemmi u, f'każijiet eċċezzjonali, jista' ikun hemm raġunijiet oħrajn serji li jsarfu bħala xierqa għal tali astensjoni jew rikuża. L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq b'mod imparzjali u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. In oltre l-aforisma 'justice must not only be done but must be seen to be done' trid tiġi valutata fl-isfond tal-każ partikolari.*
>
> ...
>
> *L-istitut tar-rikuża jew l-astensjoni tal-ġudikant jinbena fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu titressaq kawża huwa*

*imparzjali u li huwa d-dmir tiegħu u mhux sempliċi privileġġ jew favur li huwa jisma' u jaqta' kull kawża li titressaq quddiemu.*

*F'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li "il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jieħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalità li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalità, anke kif mifhum mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli.*

*L-aġġudikant bil-ġurament tal-ħatra tiegħu jiggarantixxi l-imparzjalità u l-indipendenza li jsawru id-dritt għas-smigħ xieraq u għalhekk jeżistu dawk is-salvagwardji meħtieġa fil-mod kif ikun appuntat l-aġġudikant u fil-mod ta' kif għandu jmexxi l-proċeduri.*

*...*

*Mil-lenti ta' imparzjalità oġġettiva, il-ġurisprudenza tgħallimna li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li "il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża". Dan ifisser li sempliċiment dubju m'huwiex grad għoli biżżejjed li jwassal għal rikuża*."

Applikati dawn il-prinċipji għal <u>din</u> il-kawza, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti bl-ebda mod ma rnexxilhom jikkonvinċu lill-Qorti li

jista’ jkun hemm xi dubju dwar l-imparzjalità oġġettiva tal-Imħallef sedenti fil-proċeduri kostituzzjonali prinċipali.

Ir-rikorrenti jistrieħu prinċipalment fuq il-fatt illi l-Imħallef sedenti kien laqa’ l-eċċezzjoni preliminari tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet u rrifjuta li jisma’ l-mertu tal-ilment konvenzjonali tagħhom. Skont ir-rikorrenti u l-avukat tagħhom Dr. Tonio Azzopardi, li xehed quddiem din il-Qorti wkoll, l-Imħallef sedenti fil-proċeduri prinċipali diġà esprima ruħu fuq il-lanjanzi tar-rikorrenti u għamel apprezzament ħażin tagħhom tant illi l-Qorti Kostituzzjonali ħassret is-sentenza ta’ dik il-Qorti. Skont huma, isegwi li l-Imħallef sedenti ma jistax ikompli jisma’ l-każ tagħhom mingħajr ma jitqajmu dubji serji dwar l-imparzjalità oġġettiva tiegħu.

Għar-rikorrenti, l-fatt illi l-Imħallef sedenti ddeċieda li r-rikorrenti jew aħjar l-ante kawża tagħhom kellha rimedju effettiv sabiex tindirizza l-lanjanza tagħha, mela huwa m’għandux ikompli jisma’ u finalment jiddeċiedi l-mertu tal-każ skont ma ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali.

Madanakollu, ir-rikorrenti ma jsemmux li l-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat il-maġġor parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti u bagħtet l-atti lura biss biex jiġi deċiż punt wieħed, punt illi kif sewwa qalet din il-Qorti diversament presjeduta, dik il-Qorti ma kienitx ippronunzjat ruħha dwaru, u ċioè l-kwistjoni dwar in-nuqqas tal-Kummissarju tal-Artijiet milli jibda l-proċess għall-kumpens għall-esproprju b’xiri assolut tad-dar tal-ante kawża tagħhom.

Din il-Qorti fliet bir-reqqa s-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta minn fejn jirriżultalha li f’dik is-sentenza l-Qorti ma qalet xejn dwar il-kwistjoni tal-kumpens għall-esproprju tad-dar li sar fl-2011, wisq probabbli għaliex fir-rikors promotur ir-rikorrenti lmentaw fil-qosor ħafna dwar dan il-punt li ma kienx il-lanjanza prinċipali tagħhom, u l-Qorti Kostituzzjonali laqgħet l-aggravju tar-rikorrenti f’dan is-sens **<u>biss</u>** għaliex mill-bqija, ikkonfermt is-sentenza tal-ewwel Qorti. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-fatt qalet hekk:

*"Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi r-raguni, li qed jaghti l-Kummissarju ghar-rifjut tieghu li jaghti bidu ghall-proceduri sabiex jithallas il-kumpens lill-atturi, hija insostenibbli u tirrazzenta l-fieragh, u l-atturi ghandhom ragun jilmentaw li, minhabba n-nuqqas tal-Kummissarju huma qed jigu mcahhda mid-dritt taghhom li jircievu kumpens xieraq ghall-art esproprijata.*

*Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh."*

Imbagħad, iddeċidiet hekk:

*"Ghar-ragunijiet fuq premessi u biss in kwantu ntlaqa' it-tieni aggravju tal-appellanti relattivament ghall-allegazzjoni li l-Gvern ghad ma ha ebda proceduri gudizzjarji sabiex l-appellanti jircievu kumpens skont il-ligi, din il-Qorti tilqa' l-appell tal-atturi u tirrevoka s-sentenza appellata; bl-ispejjez kemm tal-ewwel istanza kif ukoll tal-appell odjern ikunu a kariku taz-zewg partijiet fi kwoti ugwali; tordna li l-atti odjerni jigu rimandati lill-ewwel Qorti ghall-prosegwiment tas-smigh tal-kawza."*

Il-Qorti terġa' ttenni li dwar il-kwistjoni tal-kumpens għall-esproprju li seħħ fl-2011, l-Imħallef li qiegħed jippresjedi l-proċeduri kostituzzjonali prinċipali ma semma xejn u allura, naturalment, ma ppronunzjax ruħu fir-rigward.

Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll illi l-Imħallef sedenti ippermetta lill-Kummissarju intimat jippreżenta affidavit li skont huma kien jinkludi punti li jmissu l-mertu meta l-provi li kellhom jitressqu kellhom ikunu limitati għall-eċċezzjoni preliminari tan-non eżawriment tar-rimedji ordinarji.

Din il-Qorti eżaminat l-atti tal-proċeduri kostituzzjonali prinċipali u jirriżultalha li dan l-ilment tar-rikorrenti wkoll huwa mingħajr bażi u bl-ebda mod ma jiġġustifika li jitqajmu xi dubji dwar l-imparzjalità tal-Imħallef sedenti.

L-ewwel u qabel kollox, ir-rikorrenti ma għamlu ebda talba formali lill-Qorti sabiex jitolbu l-isfilz ta' dawk il-partijiet illi skont

huma kienu imissu l-mertu. Mit-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tal-kontro-eżami tal-Kummissarju tal-Artijiet fil-proċeduri prinċipali, jirriżulta li kien Dr. Azzopardi li kien qiegħed jagħmel mistoqsijiet dwar il-mertu.

Il-Qorti kienet stiednet lil Dr Azzopardi jippreżenta dawk il-provi li jidhirlu li huma rilevanti u li skont hu kienu tħallew barra mill-affidavit tal-Kummissarju tal-Artijiet. Il-Qorti qalet proprju hekk: '*Allura jkolna żewġ verżjonjiet li f'dan l-istadju mhux ħa jkunu daqshekk importanti għaliex l-eċċezzjoni ħa niddeċiedu għall-mument, pero jkun hemm il-verżjoni tagħkom ukoll fl-atti jekk inti jidhirlek li għandek tibbilanċja l-verżjoni parzjali li huma għamlu tal-fatti*.' Fil-fatt, ir-rikorrenti ppreżentaw affidavit tar-rikorrenti Louise Xerri li qalet kull ma kellha tgħid dwar id-'*duress*' li huma allegaw li kien eżerċitat fuq Carmela Xuereb. Altru allura milli l-Imħallef kien qiegħed b'xi mod juri xi nuqqas ta imparzjalità.

Il-Qorti Kostituzzjonali qablet ma dak deċiż mill-ewwel Qorti dwar dan il-punt:

> "*…din il-Qorti tikkonferma kemm kienet korretta l-ewwel Qorti meta indirizzat lill-partijiet sabiex jitrattaw fatti rilevanti ghall-eccezzjoni preliminari. Il-punti li jsemmu l-atturi fir-rikors tal-appell taghhom jidhlu fil-mertu tal-kwistjoni, u kienu jkunu rilevanti biss li kieku l-Qorti cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-initmat u kompliet tistharreg il-kawza fil-mertu. Din il-Qorti ghalhekk tikkondividi l-hsieb tal-ewwel Qorti u ssib li lallegazzjonijiet tal-atturi rigward tal-andament tal-kawza huma infondati.*"

Fl-għoti ta' kull deċiżjoni, il-Qorti tkun qiegħda tesprimi fehma. Madanakollu b'daqshekk ma jfissirx li l-Qorti tkun qiegħda tesprimi dejjem xi ġudizzju fil-mertu. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jagħtix id-dritt lill-parti li tagħżel il-ġudikant bħalma lanqas ma tagħtiha d-dritt li tbiddel il-ġudikant meta ma hemmx raġuni valida għall-astensjoni jew rikuża.

Kif sewwa rriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Carmen Grixti vs Ivan Grixti, tal-20 ta' Lulju 2020:

*"...dak ghandu jsir mill-Qorti sabiex jigi ddeterminat ilment relatat mal-impazjalità oggettiva ta' gudikant huwa ezami tal-fatti konkreti tal-kaz in dizamina, u mhux determinazzjoni astratta bbazata biss fuq principji teoretici u rimossi mill-fatti tal-kaz..."*

Din il-Qorti jirriżultalha li l-uniku parti tal-affidavit li strettament ma kellux x'jaqsam mal-eċċezzjoni preliminari kienu l-aħħar tlett paragrafi fejn il-Kummissarju tal-Artijiet spjega l-proċess għall-akkwist b'xiri assolut u x'kienu qed jistennew qabel jiffinalizzaw il-proċess tal-esproprju. Ir-rikorrenti ma jispjegawx kif dawn it-tlett paragrafi jistgħu jqajmu dubju fuq l-imparzjalità oġġettiva tal-Imħallef sedenti.

Fuq kollox, din il-Qorti tinnota li kien Dr. Azzopardi stess li meta xehed in kontro-eżami quddiemha stqarr li,

*"il-fatti li kienu rilevanti għall-kwistjoni ta' jekk il-Qorti għandhiex tkompli tisma' l-lanjanza kollha u l-fatti li huma mertu tal-kawża proprju kienu jmissu ħafna ma xulxin intimamet konnessi ma xulxin."*

Il-Qorti diversament presjeduta fil-fatt irrikonoxxiet illi Carmela Xuereb kienet qalet li ma tiflaħx titħabat minħabba saħħitha. Il-fatt li l-Imħallef sedenti ma aċċettax l-argument tar-rikorrenti dwar id-'*duress*' li jgħidu li ġie eżerċitat fuq Carmela Xuereb ma jfissirx illi mhuwiex ser ikun imparzjali issa li kull ma għad baqa' li tiġi deċiżja hi l-lanjanza tar-rikorrenti minħabba li l-Kummissarju tal-Artijiet għadu sal-lum ma kkumpensax lill-eredi ta' Carmela Xuereb għall-esproprju li seħħ fl-2011.

Fi kwalunkwe każ, il-mertu dwar din il-kwistjoni tad-'*duress*' hija llum ġudikat għaliex lanqas il-Qorti Kostituzzjonali ma aċċettat l-argument tar-rikorrenti:

*"Kif osservat tajjeb l-ewwel Qorti, ma huwiex accettabbli li persuna tressaq ilment kostituzzjonali sabiex taghmel tajjeb ghal zball jew nuqqas li tkun wettqet hi stess, jew bhal fil-kaz odjern l-awtrici fid-dritt taghha, hafna snin qabel. Fil-kaz odjern jirrizulta li Carmela Xuereb kienet accettat il-kumpens lilha offrut u volontarjament [la darba l-kuntratti*

*ma gewx dikjarati invalidi] dahlet f'zewg kuntratti pubblici rigwardanti l-proprjetà in kwistjoni. Dan ghandu l-effett li jinnewtralizza l-bazi fattwali u legali tas-sottomissjonijiet li fuqu huwa msejjes dan l-aggravju u, ghalhekk, din il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti ezercitat b'mod skorrett id-diskrezzjoni taghha taht l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq citati."*

Tenut kont ta' dan kollu, m'għandu jkun hemm l-ebda dubju dwar l-imparzjalità oġġettiva tal-Imħallef sedenti fil-proċeduri oriġinali sabiex ikompli jisma' l-każ tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti qegħdin jimpunjaw ukoll l-artikolu 738 tal-Kap. 12 għaliex jgħidu li leziv tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni peress li l-eċċezzjoni ta' rikuża tiġi deċiża mill-Imħallef stess kontra min tkun ingħatat kif ukoll għaliex ma hemmx dritt ta' appell. Ir-rikorrenti jgħidu li għandhom dubji dwar l-imparzjalità tal-Imħallef sedenti skont it-test oġġettiv ukoll peress li qed jiddeċiedi eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' imparzjalità tiegħu stess.

Din il-Qorti tibda billi ttenni li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jiggarantix dritt ta' appell u fejn id-deċiżjoni tkun dwar punt proċedurali fejn ma jkunx qiegħed jiġi determinat xi dritt jew obbligu ċivili tal-partijiet, bħal ma huwa l-provvediment dwar ir-rikuża ta' Imħallef, l-artikolu 6 lanqas biss isib applikazzjoni (ara f'dan is-sens il-każ fl-ismijiet Schreiber and Boetsch v France, tal-11 ta' Diċembru 2003).

Fis-sentenza ta' Sharon Rose Roche vs Avukat Ġenerali, tal-31 ta' Mejju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta ġiet mitluba tindirizza lment simili u ċioè dwar meta Imħallef jiġi mitlub jiddeċiedi dwar ir-rikuża tiegħu stess. Il-Qorti kellha xi tgħid hekk:

"*1. Il-gudikant li jiddeciedi dwar ir-rikuza tieghu stess huwa prezunt li huwa indipendenti u imparzjali fid-decizjoni tieghu. Kif jghid Sir William Blackstone fil-Commentaries on the Laws of England:*

*"For the law will not suppose a possibility of bias or favor in*

*a judge, who is already sworn to administer impartial justice, and whose authority greatly depends upon that presumption and idea. And should the fact at any time prove flagrantly such, as the delicacy of the law will not presume beforehand, there is no doubt but that such misbehavior would draw down a heavy censure from those, to whom the judge is accountable for his conduct."*

*2. L-imparzjalità tal-gudikant huwa valur fundamentali tal-etika gudizzjarja. Gudikant ghandu l-obbligu li jisma' u jiddeciedi kaz fuq il-provi u s-sottomissjonijiet imressqa u mhux fuq konsiderazzjonijiet mhux xierqa (improper considerations), hieles minn xi pregudizzju jew interess, dirett jew indirett, fl-ezitu tal-kawza jew fil-partijiet jew l-avukati li qed jillitigaw quddiemu. Dan l-obbligu huwa mnisseg fil-guramenti ta' lealtà u ta' hatra li jiehu kull gudikant qabel ma jibda jaqdi dmirijietu.*

*3. Il-gudikant ghandu jiddisponi minn talba ghar-rikuza tieghu b'mod ekwu u gust (fairly) u jekk ma jaghmilx hekk, ikun qed jabbuza mid-diskrezzjoni tieghu, kif cirkoskritta mil-ligi u ikun hemm konsegwenzi serji ghal tali abbuz.*

*4. Illi f'kaz li ma jilqax it-talba (tar-rikuza), il-kawza titkompla, munita bil-garanziji kollha stabbiliti fil-qafas legali taghna, inkluzi dawk kostituzzjonali u konvenzjonali ghall-protezzjoni tal-jedd tas-smigh xieraq;*

*5. Dawn il-garanziji jipprotegu lill-partijiet fil-kawza f'kaz li l-gudikant eventwalment juri li huwa parzjali jew jaghti l-apparenza ta' parzjalita' (bias) biex jiddeciedi l-kwistjoni bejn il-partijiet.*

***Tribunal Indipendenti u Imparzjali***

*Illi il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz Onor. Imh. Dottor Anton Depasquale v l-Avukat Generali - 5 ta' Ottubru 2001 kellha tikkonsidra l-argument principali ta' l-appellant f'dik il-kawza li kien mibni fuq l-asserzjoni li fis-sistema procedurali taghna l-imhallef li jkun intalab li jirrikuza ruhu jsir parti fil-kawza.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Onor. Sen. G. Strickland vs Avv. Dr. E. Mizzi deciza fis-17 ta' Lulju 1934, fejn il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kienet dahlet funditus fil-fondament guridiku, sinifikat u portata tad-disposizzjonijiet tal-ligi, tad-dottrina u gurisprudenza in propositu ghal dana l-istitut (tar-rikuza). Irribadiet li d-disposizzjoni tal-ligi Maltija dwar ir-rikuza ma ttiehditx minn sors wiehed, u lanqas ma gie segwit principju uniku, imma gie mibni fuq sistema eklettika. Irriteniet li l-Ligi Maltija fuq dan l-istitut hija differenti minn dik Ingliza u minn dik Taljana. Hija aktar stringenti minn dik Ingliza u Taljana billi hija cirkostretta b'ligi - artikoli 733 sa 740 Kap 12 (u llum anke b'salvagwardji kostituzzjonali u konvenzjonali). Minhabba f'hekk kien gie koncess lill-Imhallef Malti li huwa jkun l-uniku arbitru dwar il-konformità o meno ta' l-atti tieghu mal-ligi meta titqajjem eccezzjoni dwar rikuza.*

*Il-Qorti enuncjat il-principju li "Is-sistema Maltija hi mibnija fuq il-premessa li "il giudice non si presume ne' parziale ne corrotto" - riflessjoni tal-massima iccitata minn Blackstone (ante) li gie applikat fil-gurisprudenza anke recenti tal-Qrati taghna. (Vide ad ez. l-Imh. Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco v L-On. Prim Ministru et - QK 27/01/2014).*

*Il-Qorti fil-kaz citat ta' Strickland v Mizzi irriteniet li:*

*"Il giudice in Malta non e' protetto o non si ritiene richiedere protezione contro ricusazioni leggiere, ingiuste, maliziose e vessatorie, appunto perché lo spirito della nostra legge è di non frapporre alcun ostacolo o limite qualsiasi al diritto dei litiganti di ricusare il giudice secondo il proprio apprezzamento di fatto o di diritto. Però il giudice nostro gode un arbitrio discrezionale il più ampio, in quanto che, benché costretto da leggi positive, egli è il solo arbitro della conformità o meno dei proprii atti a tali leggi, e la sua sentenza in proposito è inappellabile ed insindacabile…"*

*Illi din il-Qorti taqbel li hu dmir ta' gudikant li jiddeciedi kawza u mhux xi vantagg jew privilegg; jekk ikun hemm vantagg jew privilegg, dan jirrendih parti fil-kawza. La huwa mhux ser jirbah u mhux ser jitlef billi jkun jew ma jkunx*

*jaghmel parti minn tribunal, m'ghandu ebda interess personali jekk ikompliex jisma' l-kawza jew jastjeni ruhu.*

*Ghalhekk kif gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' Depasquale v l-Avukat Generali "imhallef li nghata l-poter in generali mil-ligi li jiddeciedi hu stess jekk ghandux jkompli jisma' jew le kawza, mhix, per se, "raguni li taghmlu parti fil-kawza." Hu m'ghandu ebda interess personali li jisma' l-kawza imma l-interess tieghu hu biss wiehed processwali li jara li ma jastjeniex u ma jilqax eccezzjoni tar-rikuza "ove non concorra qualcuno dei motivi stabiliti dalla legge" (Mortara). Altrimenti b'semplici eccezzjoni ta' rikuza jintghazlu minn parti jew mill-ohra l-imhallfin li ghandhom jismighu kawza partikolari."*

*"Meta tinghata l-eccezzjoni ta' rikuza, skont il-ligi taghna, l-imhallef li jiddeciedi dina l-eccezzjoni ma jsirx parti, imma jibqa' l-uniku arbitru jekk ghandhiex tintlaqa' dina l-eccezzjoni jew le. Il-ligi taghna minn zmien antik hasbet biex holqot garanziji biex jissalvagwardjaw l-imparzjalità tal-gudikanti u biex il-process gudizzjarju jibqa' pur."*

*Illi dan premess, il-Qorti hi tal-fehma li l-Imhallef li jiddeciedi dwar ir-rikuza tieghu mhuwiex qed jiddeciedi l-mertu tal-kawza. Mhuwiex parti fil-kawza u m'ghandux interess fiha. Isegwi li mhuwiex Imhallef fil-kawza tieghu u l-principju ta' nemo judex in causa propria ma japplikax. Lanqas jista' jigi sostnut ghall-istess ragunijiet, li d-decizjoni ta' gudikant dwar ir-rikuza tieghu stess hija decizjoni "determinanti tad-drittijiet u obbligi civili" tal-parti fil-kawza, liema test huwa preordinat ghall-applikabilita' tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ghad-decizjoni ta' rikuza.*

*Dan necessarjament iwassal ghall-konkluzjoni li l-artikolu 738 tal-Kap. 12 ma jistax jitqies fih innifsu lesiv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Il-lezjoni, jew il-biza' ta' lezjoni, tmur oltre, u tiddependi mill-impatt li jista' jkollha dik id-decizjoni partikolari fuq is-smigh tal-kawza fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Effettivament jekk b'dik id-decizjoni taghhom, l-Imhallfin komponenti l-Qorti tal-Appell offrew il-garanzija ta'*

*Qorti indipendenti u imparzjali gjaladarba gie sostnut li kienu gja ddecidew kaz iehor bejn il-kontendenti."*

Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat id-deċiżoni tal-ewwel Qorti, u żiedet tgħid li:

*"9. Il-pern tal-kwistjoni li din il-qorti ġiet mitluba tiddetermina bl-appell tal-attriċi huwa dan: kien hemm jew ma kienx hemm ksur tad-dritt fondamentali għas-smigħ xieraq tagħha meta l-imħallfin fil-Qorti tal-Appell iddeċidew li jiċħdu t-talba għar-rikuża tagħhom stess, u dan mingħajr dritt ta' appell minn dan id-digriet?*

*10. Wara li fliet l-atti tal-proċess, din il-qorti hija tal-fehma illi l-argument tal-attriċi appellanti huwa fattwalment u legalment insostenibbli. Fl-ewwel lok, din il-qorti ma taqbel xejn mal-argument tal-attriċi li "l-Artikolu 738 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa lesiv tal-dana a bażi tal-prinċipju fundamentali ta' "nemo judex in causa propria." Imħallef li jiddeċiedi dwar ir-rikuża tiegħu m'huwiex "parti fil-kawża" u lanqas ma jista' jitqies bħala "persuna li għandha interess fl-istess kawża." Wara li jkun hemm rikors għar-rikuża tiegħu, l-obbligu tiegħu huwa biss wieħed proċesswali - li jara li jastjeni jew ma jastjenix mill-kawża in kwistjoni wara li jara jekk jeżistux raġunijiet fil-liġi għal tali astensjoni. Il-fatt li jieħu sehem fid-deċiżjoni dwar eċċezzjoni ta' rikuża tiegħu, għalhekk, ma jnaqqasx mill-indipendenza jew l-imparzjalità tiegħu. Bil-kuntrarju, ħadd aħjar mill-imħallfin in kwistjoni ma jista' jiddeċiedi jekk humiex milquta minn kunflitt ta' interess.*

*...*

*12. Fit-tieni lok, din il-qorti hija tal-fehma illi l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova li jeżistu dawk iċ-ċirkostanzi li oġġettivament jistgħu jiġġustifikaw l-allegat nuqqas ta' imparzjalità fil-ġudikanti in kwistjoni. L-argument ewlieni li tressaq mill-attriċi biex tipprova tiġġustifika l-fatt li sofriet ksur tad-dritt fondamentali tagħha għal smigħ xieraq huwa li l-imħallfin in kwistjoni diġà ddeċidew kwistjoni oħra kostituzzjonali bejn il-partijiet u għalhekk m'humiex ser*

*ikunu indipendenti u / jew imparzjali fit-tieni sett ta' proċeduri minħabba f'hekk. Din il-qorti però ma taqbilx ma' dan l-argument ta' l-attriċi, prinċipalment minħabba l-fatt li l-kwistjoni li ser tiġi dibattuta fl-appell hija differenti mill-mertu tal-kawża l-oħra li kienu ddeċidew l-imħallfin in kwistjoni.*

*....*

*13. F'każijiet bħal dak tal-lum għalhekk, fejn ir-raġuni mogħtija mill-attriċi għaliex l-imħallfin in kwistjoni għandhom / kellhom jastjenu milli jisimgħu l-appell huwa minħabba l-fatt li diġà ħadu sehem fi proċeduri oħra li huma marbutin mal-proċeduri odjerni, għandha għalhekk issir distinzjoni bejn dawk il-każijiet fejn il-kwistjoni li l-imħallfin in kwistjoni qed jintalbu jiddeċiedu dwaru hija intrinsikament marbuta mal-proċeduri l-oħrajn, b'tali mod li d-deċiżjoni li taw l-istess imħallfin fl-ewwel sett ta' proċeduri tista', direttament jew indirettament, tinfluwenza l-kwistjoni li qed jintalbu jiddeċiedu dwaru fit-tieni sett ta' proċeduri, u dawk il-każijiet fejn id-deċiżjoni li l-imħallfin waslu għaliha fl-ewwel sett ta' proċeduri m'hi ser ikollha l-ebda influwenza, la diretta u lanqas indiretta, fuq it-tieni sett ta' proċeduri. Peress li, kif ingħad aktar 'l fuq, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, dak li ntalbu jiddeċiedu dwaru fl-ewwel sett ta' proċeduri ma jista bl-ebda mod jinfluwenza dak li ntalbu jiddeċiedu dwaru fit-tieni sett ta' proċeduri (dawk quddiem il-Qorti tal-Appell), din il-qorti ma tara l-ebda ksur tad-dritt fondamentali għas-smigħ xieraq tal-attriċi bil-fatt li l-istess imħallfin ddeċidew li ma jilqgħux it-talba tagħha għar-rikuża tagħhom fl-istess proċeduri.'"*

Finalment, il-Qorti ser tagħmel riferenza għall-każ ta' Ringeisen v Austria, tas-16 ta' Lulju 1971, fejn il-Qorti Ewropea kienet irriteniet illi:

*"Nor, finally, can any grounds of legitimate suspicion be found in the fact that two other members had participated in the first decision of the Regional Commission, for it cannot be stated as a general rule resulting from the obligation to be impartial that a superior court which sets aside an*

*administrative or judicial decision is bound to send the case back to a different jurisdictional authority or to a differently composed branch of that authority."*

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet u prinċipji ġurisprudenzjali suesposti, li l-Qorti tikkondividi pjenament, il-Qorti ssib illi l-artikolu 738 tal-Kap. 12 mhuwiex leżiv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq.

Kif intqal, fl-eżami tat-talba għar-rikuża tiegħu, il-ġudikant ma jkunx qiegħed jidħol fil-mertu tal-każ u ma jkunx huwa nnifsu u ma jsir qatt, parti mill-litiġju tal-proċeduri. Il-fatt li l-leġislatur akkorda s-setgħa lill-ġudikant li jiddeċiedi huwa stess dwar talba għar-rikuża tiegħu ma jbiddel xejn mir-rwol tiegħu ta' arbitru u lanqas inaqqas mill-indipendenza u l-imparzjalità tiegħu. Anzi kif ingħad, ħadd aħjar minnu ma jista' jitqies idoneju biex jiddeċiedi dwar talba għar-rikuża tiegħu.

B'żieda ma dan kollu, kif diġà ntqal aktar 'l fuq f'din id-deċiżjoni, il-mertu tal-kwistjoni li għad trid tiġi deċiża mill-Imħallef sedenti fil-proċeduri kostituzzjonali prinċipali, hija indipendenti mill-kwistjoni li diġà ġiet deċiża permezz tas-sentenza tad-19 ta' Novembru 2015 u dak deċiż dakinhar lanqas ma jista' b'xi mod jinfluwenza l-kwistjoni li l-Qorti Kostituzzjonali bagħtet lura lill-ewwel Qorti.

Ladarba l-Qorti mhijex qiegħda ssib leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, isegwi li ma hemmx rimedju effettiv x'jingħata a tenur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Għalhekk għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawza billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti kif kontenuti fir-rikors tagħhom tat-30 ta' Jannar 2017.

L-ispejjez jitħallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG